II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Lulju 2008

li tawtorizza metodi għall-klassifika ta' karkassi ta' majjali fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3740)

(it-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(2008/676/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84, il-klassifika ta' karkassi tal-majjali għandha tiġi determinata billi jiġi stmat il-kontenut tad-dgħif permezz ta' metodi ta' valutazzjoni pprovati statistikament ibbażati fuq il-qies fiżiku ta' waħda jew aktar mill-partijiet anatomiċi tal-karkassa tal-majjal. L-awtorizzazzjoni ta' metodi ta' klassifika għandha tkun soġġetta għal konformità ma' tolleranza massima għal żball statistiku fil-valutazzjoni. Din it-tolleranza hija definita fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali [2].

(2) Il-Bulgarija talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza metodu wieħed ta' klassifika ta' karkassi tal-majjali u ppreżentat ir-riżultati tal-provi tad-dissezzjoni fit-tieni parti tal-protokoll previst fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

(3) Eżami ta' din it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-metodi ta' klassifika huma sodisfatti.

(4) L-ebda modifika fl-apparat jew fil-metodi ta' klassifika ma tista' tiġi awtorizzata ħlief permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida adottata fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba. Għal din ir-raġuni, din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi mħassra.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-użu tal-metodi li ġejjin huwa b'dan awtorizzat għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali fil-Bulgarija skond ir-Regolament (KEE) Nru 3220/84:

— l-apparat Ultra FOM 200 u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinstabu fl-Anness.

[1] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).

[2] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1197/2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 6).

Artikolu 2

Modifiki fl-apparat jew fil-metodi ta' valutazzjoni m'għandhomx jiġu awtorizzati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Metodi għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali fil-Bulgarija

ULTRA FOM 200

1. Il-klassifika ta' karkassi tal-majjali ssir bl-użu ta' l-apparat magħruf bħala Ultra FOM-200.

2. L-apparat għandu jkun armat b'sonda ultrasonika ta' 4 MHz (Krautkrämer MB 4 SE). Is-sinjal ultrasoniku huwa diġitizzat, maħżun u pproċessat permezz ta' mikroproċessur (tat-tip Intel 80 C 32). Ir-riżultati mkejla għandhom ikunu kkonvertiti f'kontenut stmat ta' dgħif permezz ta' l-apparat Ultra-FOM nnifsu.

3. Il-kontenut ta' dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkolat skond il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 67{,}130 - 0{,}3284 \times X1 - 0{,}3725 \times X2 + 0{,}01515 \times X3$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-kontenut stmat tad-dgħif (f'perċentwal),

X1 = il-ħxuna tax-xaħam u tal-ġilda dorsali mkejla f'punt 7 ċm 'l barra mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tielet u r-raba' vertebra lumbari ta' l-aħħar (f'millimetri),

X2 = il-ħxuna tax-xaħam u tal-ġilda dorsali imkejla f'punt 7 ċm 'l barra mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tielet u r-raba' kustilji ta' l-aħħar (f'millimetri),

X3 = il-fond tal-muskoli mkejjel fl-istess punt u fl-istess ħin bħal tal-ħxuna tax-xaħam dorsali (f'millimetri).

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi bil-piż bejn 60 u 120 kilogramma.